**Nomina ta' Michael Buhagiar bħala**
**Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Panama u l-Kolumbja**

Pubblikazzjoni tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet *ai termini* tal-Artikolu 48B(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

**1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandhom quddiemhom pajjiżi bħall-Panama u l-Kolumbja?**

Naħseb li l-akbar sfidi li għandhom il-Panama u l-Kolumbja huma fil-kamp tas-saħħa, tal-edukazzjoni, kulturali, artistiku, drittijiet u libertajiet umani, tqassim ġust tal-ġid tal-pajjiż, tal-faqar, progress ekonomiku, ta' droga, sigurtà, u speċjalment dik tal-korruzzjoni fit-tmexxija tal-pajjiż.

**2. Malta qajla għandha relazzjonijiet ma' dawn iż-żewġ pajjiżi. Kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu r-rabtiet ekonomiċi u kummerċjali, politiċi u soċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivament?**

Biex jiżdiedu r-relazzjonijiet ma' dawn iż-żewġ pajjiżi fir-rabtiet ekonomiċi u kummerċjali, politiċi u soċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivament, irid qabel xejn li jkun hemm iżjed laqgħat fuq livell governattiv biex inkunu nistgħu niskopru dejjem aħjar fejn u kif nistgħu ngħinu u nsaħħu dawn ir-relazzjonijiet ta' bejnietna, u nħajruhom u ngħinuhom jersqu iżjed lejn l-Ewropa permezz ta' Malta.

**3. Mis-CV tiegħek jidher li inti persuna ta' esperjenza varja, kif din ser tgħinek f'din il-kariga ġdida tiegħek, jekk tinħatar eventwalment?**

L-esperjenza varja tiegħi, b'xogħol varjat b'kuntatt kontinwu ma' nies u personaġġi ta' livelli varji, għolja u normali, fis-soċjetà, fiċ-ċivil, bordijiet, attivitajiet, kumitati, familji, u fil-ġerarkija ekkleżjastika, żgur li tkun ta' għajnuna kbira għalija fir-relazzjoni diplomatika ma' dawn il-pajjiżi.

**4. Tara li għandek xi interessi professjonali jew ta' kummerċ li jistgħu jkunu konfliġġenti ma' din il-kariga tiegħek?**

Ma jidhirx li għandi, jew li jista' jkolli xi interessi professjonali jew kummerċjali, li jistgħu jkunu konfliġġenti mal-kariga tiegħi ta' Ambaxxatur.

**5. Tikkonferma li inti għandek biss passaport wieħed u huwa dak Malti?**

Iva, nikkonferma li jien għandi biss passaport wieħed, dak Malti.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

**1. In vista tal-fatt li għalkemm pajjiżna kellu relazzjonijiet diplomatiċi sija mal-Panama kif ukoll mal-Kolumbja, tista' tindika fejn tara li wieħed jista' jżid u jtejjibhom?**

Naħseb li wieħed jista' jżid u jtejjeb ir-relazzjonijiet diplomatiċi sija mal-Panama kif ukoll mal-Kolumbja, billi qabel xejn inżidu fil-kuntatti magħhom fuq livell governattiv, biex insiru nafu aħjar lil xulxin, u l-possibilitajiet ta' xulxin fid-diversi kampijiet, biex naraw aħjar fiex huma jkunu jistgħu jgħinu lil Malta, bħat-turiżmu, sports, indusrija eċċ., u Malta tkun tista' toffrilhom għajnuna fil-kamp tas-saħħa, edukazzjoni, IT, politika kontra l-faqar, intrapriżi żgħar, eċċ.

**2. In vista tad-diversi kontroversji li żviluppaw tul dawn l-aħħar snin dwar is-sistema finanzjarja li ġiet adoperata fil-Panama u dak li numru ta' persuni politiċi prominenti sabu ruħhom fiha kif ukoll il-fatt li l-linja prinċipali tal-ħidma tiegħek hija marbuta mat-tagħlim tat-teoloġija u d-dritt kanoniku kif ukoll it-tribunal tal-Knisja, tista' tindika x'pożizzjoni beħsiebek tieħu fuq dan?**

*In vista* tal-kontroversji dwar is-sistema finanzjarja fil-Panama, il-pożizzjoni tiegħi għandha tkun, u dejjem, li niddefendi l-pożizzjoni li jħaddan il-Gvern Malti, b'onestà u integrità kemm etika u morali, b'kuntatt kontinwu mad-diversi Ministeri Maltin, bħal dak tal-finanzi, ġustizzja, intern, eċċ.

**3. Tista' tiddikjara x'konflitti ta' interess jista' jkollok?**

Fil-pożizzjoni tiegħi ma naħsibx li nista' qatt ikolli xi konflitti ta' interess.

**4. Tista' tgħidilna xi kwalifiki akkademiċi tipposjedi?**

Kif diġà semmejt fis-CV, il-kwalifiki akkademiċi tiegħi huma: Liċenzja fil-Filosofija, Liċenzja fit-Teoloġija Spiritwali, Dottorat fil-Liġi Kanonika u Ċivili, Avukat tas-Sacra Romana Rota u tas-Segnatura Appostolica, li huma l-ogħla żewġ tribunali tal-Knisja Kattolika fil-Vatikan, u kors fid-Diplomazija.